MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 120/2002

**L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**vs**

**Anthony Said**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Billi fis-7 ta' Novembru 1994 l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, gia Awtorita' ta' l-Ippjanar, harget Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq numru ECF/533/94, kopja hawn annessa u markata bhala Dok IJS1, f'isem il-konvenut.

Peress illi l-istess Awtorita' attrici, in forza tal-poteri fdati lilha permezz ta' l-Att numru I ta' l-1992, kif sussegwentement emendat permezz ta' l-Att numru XXI ta' l-2001, hadet dawk il-passi kollha necessarji biex ix-xogholijiet indikati fl-istess Avviz biex Tieqaf u ta' Twettiq,

jitwettqu, stante li l-istess konvenut ma kienx ottempera ruhu ma' dak li ntalab minnu fl-istess Avviz.

Peress illi biex taghmel dan, l-istess Awtorita' attrici dahlet fi spejjez li jammontaw ghal seba' mija hamsa u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (LM 755.80), u dan kif jidher mill-annessa *Invoice no. 1445* datata 5 ta' Lulju 2000 markata bhala Dok. IJS2.

U billi l-istess konvenut gie interpellat biex ihallas dan l-ammont izda baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi dan it-Tribunal m'ghandux:

1. Jikkundannah ihallas lill-Awtorita' attrici s-somma ta' seba' mija hamsa u hamsin lira Maltin u tmenin centezmu (LM 755.80) dovuti kif fuq spjegat, bl-imghaxijiet u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2002."

Ra r-risposta:

1. "Illi t-talbiet attrici qed jigu kkontestati bhala nfondati fid-dritt u fil-fatt;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghall-premess l-ammont reklamat huwa wiehed esagerat u mhux gustifikat;

3. Salvi eccezjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Bl-ispejjes."

Sema' l-provi u ra d-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ikkunsidra:

Illi huwa principju legali elementari li d-danni u l-ispejjez iridu jigu mminimizzati, u dan japplika b'mod partikolari ghall-awtoritajiet pubblici. Fil-kaz prezenti, huwa minnu, u t-Tribunal japprezza, li minhabba d-diffikulta' sabiex jinstab min jaghmel ix-xoghol ta' demolizzjoni konness ma' ordni ta' twettieq dan ix-xoghol jigi oghla min-normal. Japprezza wkoll illi min jikkommetti illegalitajiet goffi bhal bini minghajr permess irid ihallas ta' ghemilu. Min-naha l-ohra, ma hemmx ghalfejn wiehed imur fl-esagerazzjonijiet kommessi mill-MEPA f'dan il-kaz: biex twaqqghet kamra zghira ta' sitt metri b'hamsa cirka, u dan bil-makkinarju, b'mod li din thalliet borg gebel ghax il-materjal l-anqas biss tnehha minn fuq il-post, ma kienx hemm ghalfejn imorru armata shiha ta' sbatax-il haddiem tad-dipartiment tax-xoghlijiet . U li dawn jithallsu LM25-il ras, u cioe' ta' gurnata xoghol. U dawn ingiebu minn Malta meta setghu facilment ingiebu minn Ghawdex stess. Dan biex it-Tribunal isemmi biss ezempju wiehed tal-esagerazzjoni fil-kontijiet.

Hames haddiema bil-LM25-il ras u migjubin minn Ghawdex fejn zgur li m'hawn l-ebda nuqqas taghhom ukoll kienu jkunu altru milli sufficjenti. Ghaldaqstant ikun ekwu li s-somma mitluba titnaqqas, ghal din ir-raguni biss, is-somma ta' LM300 mill-ammont tal-pagi, Fic-cirkostanzi, arbitrio boni virii, jidher li l-ammont ta' LM400 ikun iktar gust bhala ammont li ghandu jinghata lill-Awtorita' attrici.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar limitatament ghas-somma ta' LM400 liema somma l-konvenut qieghed jigi kkundannat ihallas bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali tat-28 ta' Frar 2002 sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------